# *Il-Knisja tal-Madonna Ta' Loretu*

Waħda mill-knejjes filjali tal-Parroċċa tal-Gudja, hija dik taħt it-titlu tal-Madonna ta' Loretu. Din tinsab fil-periferija ta' dan ir-raħal, mal-ġenb tar-runway, fejn fl-antik, dawn l-inħawi kienu magħrufa bħala r-Raħal il-Qadim. Jingħad ukoll li mit-tliet knejjes f'Malta u f'Għawdex li huma ddedikati lill-Madonna ta' Loretu, jiġifieri dik ta' Għajnsielem, tas-sorijiet ta' l-Orsolini fi Gwardamanġia u din li nsibu fil-parroċċa tal-Gudja, din tal-Gudja hija l-eqdem waħda fosthom fejn tissemma din id-devozzjoni.



*Il-knisja tal-Madonna ta' Loretu Gudja*

Skond ma jingħad, l-ewwel knisja mibnija f'dan il-lokal saret b'wegħda mill-kavallier Fra Imberto de Molines li kien membru ta' Ġerusalemm u Prijur ta' Auvergne. Huwa kien ukoll benefattur kbir ta' l-ewwel knisja li nbniet f'dan il-lok lill-Madonna taħt dan it-titlu.

**L-istatwa tal-Madonna**



*L-istatwa tal-Madonna magħrufa bħala ta' Trapani*

Fl-1535 din il-knisja kienet tlestiet, u kien f'din is-sena li l-kaptan ta' Bir Miftuħ De Warsbergh kien ta lil din il-knisja statwa tal-Madonna bil-Bambin f'idejha, maħduma mill-alabastru. Din l-istatwa li hija magħrufa bħala l-Madonna ta' Trapani hija ta' xogħol Sqalli u li kienet magħmulha fil-bidu tas-seklu XVI. Skond ma huwa magħruf mit-tradizzjoni, din l-istatwa għamlet żmien mitlufa, iżda kienet instabet fil-bidu tas seklu għoxrin f'bir viċin din il-knisja. Jintqal ukoll li din kienet mizmumha f'dan il-bir biex tinħeles mis-serq tal-ħallelin. Fil-pedistall li jista' jkun huwa magħmul minn irħam Għawdxi, tidher parti mill-kitba li tgħid *E. H. Warsbergh*... *Capitan di Birm Anno 35*

**L-ewwel Titular**




*L-ewwel titular*

L-ewwel titular li kellha il-knisja il-qadima kienet pittura b'forma t'arkata Normanna, xogħol maħdum fuq l-injam min pittur mhux magħruf. Din tinkludi wieħed mill-benefatturi prominenti tagħha Fra Imberto de Molines u ġġib is-sena 1548. F'dan il-kwadru naraw il-Madonan bil-Bambin jistrieħu fuq dar kbira f'għamla ta' knisja fejn tidher miżmuma minn tliet anġli. Fuq il-lemin tagħha jidher San Ġwann il-Battista li huwa ukoll il-qaddis patrun tal-kavalieri ta' San Ġwann u l-kavalier Fra Imberto de Molines. Illum wieħed għadu jista' jammira din il-pittura fis-sagristija ta' din il-knisja.

## Il-knisja l-ġdida


*Il-kwadru titulari*

Wara l-pesta ta' l-1676, bħala ħlas tal-grazzja, reġgħu bnew il-knisja mill-ġdid dik li naraw illum. Dan jixhed ukoll id-devozzjoni li kien hemm f'dawk iz-zminijiet lejn il-Madonna taħt it-titlu ta' Loretu. Il-bini ta' din il-knisja kien sar bit-tħabrik tal-kappillan tal-parroċċa tal-Gudja Dun Vinċenz Grixti u jidher illi din kienet mibnija wara l-1679. Il-Gran Mastri Nikola Cottoner hu Gregorio Caraffa kif ukoll Katerina Calleja armla ta' Valerio Calleja, ħallsu l-parti 'l kbira tal-ispejjeż involuti fil-bini tagħha. Din il-knisja għandha koppla u faċċata fuq stil sempliċi. Fuq il-bieb prinċipali hemm tieqa li aktar il fuq hemm kampnar b'salib fuqu u qanpiena żgħira.

F'din il-knisja insibu żewġ altari:- altar maġġur iddedikat lill-Madonna ta' Loretu u l-ieħor huwa iddedikat lil viżitazzjoni tal-Madonna lill Santa Elizabetta.

Il-kwadru titulari li naraw illum huwa xogħol il-pittur S.Adrianus u ġie mpitter fl-1693. Dan juri il-Madonna fuq is-sħab imdawwra bl-anġli u fil-ġnub t'isfel jidhru San Ġwann Battista San Adriano u Santa Monika.


*L-istatwa ta' San Ġużepp*



F'din il-knisja nsibu wkoll statwa żgħira ta' San Ġużepp, xogħol fil-kartapesta. Din kienet ingħatat mill-kappillan ta' Ħal Kirkop, Dun Ġużepp Barbara fl-1926. Din l-istatwa nħadmet qabel l-1884 u kienet tinsab fil-knisja Matriċi tal-parroċċa ta' Ħal Kirkop minflok dik li naraw illum.

Kienu diversi l-wegħdiet li saru u li jesprimu d-devozzjoni lejn din il-Madonna. Fost in-numru ta' ex- voti, wieħed isib kwadru kbir li juri ż-żjara tal-Madonna lil Santa Eliżabetta u li qiegħed fuq l-artal tal-ġenb.

Ex-voto ieħor illi naraw f'din il-knisja huwa magħmul mill-kaptan Francesco Azzopardi. Dan huwa mpitter fuq biċċa għuda, u juri 'l Madonna ssalva bastiment merkantili Ingliż mill-għarqa f'tempesta. Dan iġib id-data tas-26 ta'

## Konklużjoni

Illum, din il-knisja tinsab fis-stat tajjeb u fil-kampanja ta' madwarha għadha tħaddan dik l-atmosfera ta' paċi u ħemda miksura għajr biss minn xi għasfur jew xi ħoss ta' ajruplan li jkun tiela' jew nieżel. Din il-knisja tkun miftuħa fuq ir-rixtellu kull nhar ta' Ħadd, u għalkemm fiha ma jsirx quddies, għajr xi tieġ jew anniversarju ta' tieġ, gruppi ta' għaqdiet matul is-sena jorganizzaw diversi laqgħat ta' talb. Il-festa tkun iċċelebrata Ħadd fuq il-festa liturġika ta' l-10 ta' Diċembru. Din is-sena il-festa sejra tkun iċċelebrata nhar il-Ħadd 16 ta' Diċembru. Il-programm tagħha qiegħed jidher taħt l-Avviżi.